**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Enercon GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 301, 22.11.2008.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali 21 ta' Settembru 2010 — Villa Almè vs UASI — Marqués de Murrieta (i GAI)

## (Kawża T-546/08) ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva i GAI — Trade mark nazzjonali verbali YGAY u trade marks Komunitarji figurattivi u verbali MARQUÉS DE MURRIETA YGAY — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 43(2) u(3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009)")***

(2010/C 301/46)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Villa Almè Azienda vitivinicola di Vizzotto Giuseppe (Mansuè, l-Italja) (rappreżentanti: G. Massa u P. Massa, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Montalto u A. Sempio, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Marqués de Murrieta, SA (Logroño, Spanja) (rappreżentanti: P. López Ronda u G. Macias Bonilla, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Settembru 2008 (Każ R 1695/2007-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bodegas Marqués de Murrieta, SA u Villa Almè Azienda vitivinicola di Vizzotto Giuseppe.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Villa Almè Azienda vitivinicola di Vizzotto Giuseppe hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 44, 21.02.2009

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2010 — Il-Portugall vs Transnáutica u Il-Kummissjoni

## (Kawża T-385/05 TO) ([1])

***("Oppożizzjoni minn terzi — Possibbiltà li t-terz li jopponi jipparteċipa fil-kawża prinċipali — Nuqqas ta' preġudizzju għad-drittijiet tat-terz li jopponi — Inammissibbiltà")***

(2010/C 301/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Terz li jopponi:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, A. C. Santos, J. Gomes u P. Rocha, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Transnáutica — Transportes e Navegação, SA (Matosinhos, il-Portugall) (rappreżentanti: C. Fernández Vicién, D. Ortigão Ramos, P. Carmona Botana, M. T. López Garrido u P. Vidal Matos, avukati); u l-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u L. Bouyon, avukati)

**Suġġett**

Talba mressqa minn terz li jopponi kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-23 ta' Settembru 2009, Transnáutica vs Il-Kummissjoni (T-385/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra).

**Dispożittiv**

(1) *It-talba mressqa minn terz li jopponi hija miċħuda bħala inammissibbli.*

(2) *Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Transnáutica — Transportes e Navegação, SA, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 330, 24.12.2005.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Settembru 2010 — Spitzer vs UASI — Homeland Housewares (Magic Butler)

**(Kawża T-123/08)** [1]

***("Rikors għal annullament — Nuqqas ta' azzjoni min-naħa tar-rikorrent — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2010/C 301/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Harald Spitzer (Hörsching, l-Awstrija) (rappreżentant: T. H. Schmitz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Homeland Housewares LLC (Los Angeles, California, l-Istati Uniti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Jannar 2008 (Każ R 1508/2006-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Homeland Housewares, LLC u Harald Spitzer.

### Dispożittiv

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*

(2) *Harald Spitzer huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 116, 09.05.2008.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2010 — Norilsk Nickel Harjavalta u Umicore vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-532/08)** [1]

***("Rikors għal annullament — Ambjent u protezzjoni tas-saħħa umana — Klassifikazzjoni, imballaġġ u tikkettar ta' ċerti komposti ta' karbonat tan-nikil bħala sustanzi perikolużi — Direttiva 2008/58/KE — Direttiva 67/548/KEE — Regolament (KE) Nru 790/2009 — Regolament (KE) Nru 1272/2008 — Adattazzjoni tat-talbiet — Applikazzjoni ratione temporis tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")***

(2010/C 301/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Norilsk Nickel Harjavalta Oy (Espoo, il-Finlandja); u Umicore SA/NV (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: K. Nordlander, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u D. Kukovec, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Nickel Institute (Toronto, il-Kanada) (rappreżentanti: K. Nordlander, avukat, D. Anderson, QC, S. Kinsella u H. Pearson, solicitors)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: B. Weis Fogh, aġent)

### Suġġett

Talba għall-annullament parzjali, minn naħa, tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE, tal-21 ta' Awwissu 2008, li temenda, bil-għan li tadatta għall-progress tekniku, għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill Nru 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkjettar tas-sustanzi perikolużi (ĠU L 246, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 790/2009, tal-10 ta' Awwissu 2009, li jemenda, għall-finijiet tal-addattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 235, p. 1), sa fejn dawn l-atti jemendaw il-klassifikazzjoni ta' ċerti komposti tal-karbonat tan-nikil.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Norilsk Nickel Harjavalta Oy u Umicore SA/NV għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*